MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 590/1994/1

**Joseph Aquilina, Tarcisio Aquilina u Maria Concetta Aquilina, Vincent Farrugia, Margerita mart Paolo Frendo, Raymond**
**Bianco, Joseph Bianco, John Bianco u Grace Bianco.**

**Vs**

**Joseph Aquilina ghan-nom u in-rapprezentanza tal-Kurja Arciveskovali u b'nota tat-22 ta' Novembru, 2000 Vincent**
**Ciliberti bhala Agent Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof assuma**
**l-atti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza,,**
**Dr. Eric Mamo ghan-nom u rapprezentanza tal-Mid-Med Bank plc;**
**u b'nota tas-27 ta' Ottubru, 1999 is-socjeta' Mid Med Bank plc b'effett mill 1 ta' Dicembru 1999 isem is-**

**socjeta' inbidel ghall H.S.B.C. Bank Malta plc; u b'digriet tal-21 ta' Frar 1996 gie kjamat fil-kawza l-Kummissarju ta' l-Art**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi b'kuntratt in-atti Nutar Vincent Miceli tal-24 ta' Jannar, 1994 in-esekuzzjoni ta' sentenza tal-Board tal-Artijiet tas-6 ta' Ottubru, 1988 fil-kawza "Kummissarju tal-Art – versus – Alfred Farrugia nomine" l-istess Kummissarju tal-Artijiet akkwista porzjoni diviza ta' art f'Hal Qormi tal-kejl ta' 4370.6 metri kwadri konfinanti mit-tramuntana ma' triq pubblika bla isem. mill-vant ma' proprjeta' tal-Kuria Arcivescovali u lbic f'parti ma' proprjeta' ta' Michael Baldacchino u f'parti ma' passagg pubbliku;

Premess illi l-art nkwistjoni kienet soggetta ghall-ordni ta' esproprjazzjoni ppubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Dicembru, 1975 u akkwistata minnu n'forza tal-kuntratt fuq citat versu l-prezz ta' Lm1,068.40 li l-istess Kummissarju tal-Artijiet iddepozita f'isem sidien incerti fil-Mid-Med Bank fergha Strada Repubblika f'kont savings numru 30 427 1493;

Premess illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-porzjoni art fuq deskritta u bhala tali ghandhom id-dritt li jesigu l-izbank tal-ammont hekk depositat;

Premess illi tali proprjeta' tirrizulta li tappertjeni lill-atturi billi inxtrat mill-awtur taghhom Giovanni Farrugia minghand Giuseppe Muscat nforza ta' kuntratt in-atti Nutar Giovanni Mifsud tad-9 ta' Novembru,1919;

Premess illi l-Mid-Med Bank qieghed jirrifjuta li jirrilaxxja l-ammont depozitat ghandu f'isem sidien incerti billi l-Kurja qeghda tirritjeni li ghandha drittijiet ta' proprjeta' fuq l-imsemmi sit;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-atturi wahedhom kienu l-proprjetarji tal-art f'Hal Qormi tal-kejl ta' 4370.6 akkwistata mill-Kummissarju tal-Artijiit nforza ta' kuntratt in-atti Nutar Vincent Miceli tal-24 ta' Jannar, 1994 u kif hemm ahjar deskritta;

2. Konsegwentament tiddikjara u tiddeciedi li minhabba f'hekk l-atturi huma ntitolati li jizbankaw l-ammont tal-prezz depozitat mal-Bank konvenut f'kont savings numru 304271493;

3. Tikkundanna lill-konvenut Dr. Eric Mamo nomine jirrilaxxja l-ammont favur l-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew minn minnhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Tarcisio Mifsud ghall Kurja Arciveskovili** a fol. 19 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament li hu m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Kurja Arcivescovali.

2. Preliminarjament ukoll li l-gudizzju mhux integru ghax hi mehtiega l-prezenza tal-Kummissarju ta' l-Art li kien parti fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet (li intemmu bis-sentenza tas-6 ta' Ottubru, 1988) u fuq il-kuntratt ta' akkwist tal-24 ta' Jannar, 1994 in atti Nutar Vincent Miceli;

3. Fil-meritu, id-domanda hi wkoll infondata ghax l-art – kif gie dejjem sottomess quddiem l-imsemmi Tribunal izda l-Gvern ma kienx perswaz – tappartjeni lil-Legat Arcangelo Zammit anness mal-Veneranda Lampade tal-Kurja Arcipretali taz-Zurrieq;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Eric Mamo** a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:

1. Flus depositati fil-kont savings nru. 304271493 jistghu jigu rilaxxjati biss lill-Kummissarju tal-Artijiet stante li dan huwa l-account holde.

2. Fic-cirkostanzi, il-Kummissarju tal-Artijiet ghandu jigi kjamat fil-kawza.

3. Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, b'dan illi pero' m'ghandux ibati spejjez f'dawn il-proceduri .

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Mifsud a fol. 28** fejn eccepixxa l-inkompetenza ta' dina l-Qorti *ratione materiae* billi l-materja tal-kawza tidher minnha nnifisha li hi purament civili;

Rat id-digriet a fol. 44 li bih giet ordnata l-kjamat fil-kawza tal-Kummissarju tal-Artijiet;

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza l-Kummissarju tal-Art** a fol. 47 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol. 39 li bih gie dikjarat li m'ghadx hemm lok ghall-eccezzjoni ulterjuri;

Rat in-noti a fol.  105 u 116;

Rat il-verbal a fol. 110 u 112;

Rat id-digriet a fol. 121;
Rat il-verbal a fol. 141;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi b'verbal a fol. 110 tal-process l-atturi u l-konvenut Aquilina noe ddikjaraw li waslu ghall ftehim dwar il-mertu tal-kawza u li kien jonqos biss il-kwistjoni ta' l-ispejjez tal-kawza u possibilment li jsir kuntratt biex jinkorpora l-ftehim imsemmi. Dan gie konfermat b'verbal iehor a fol. 112 fejn zdied li l-ftehim kien suggett li l-attur ihallas l-ispejjez tal-konvenut u l-Avukat ta' l-atturi jipprova jgib l-ispejjez minghand il-Gvern.

Il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez izda l-Qorti, diversament preseduta, kienet issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza billi riedet aktar informazzjoni minghand il-partijiet dwar il-ftehim allegatament milhuq bejnithom (fol. 124).

Il-konvenut Agent Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof kien ipprezenta nota (ara fol. 125) fejn ikkonferma li kien intlahaq ftehim, izda l-konvenut ma kienx dispost li jhallas l-ispejjez tal-kawza. L-atturi kellhom jippruvaw jigbru l-ispejjez tal-kawza minghand il-Gvern (Ara fol. 127 u 128).

B'verbal a fol. 141 l-partijiet infurmaw il-Qorti li huma qablu dwar kif ghandha tinqasam is-somma depozitata ghand il-Bank.

Il-kawza ghalhekk thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez wara li l-Qorti regghet semghet xhieda ohra supplimentari (ara fol. 125, 137, 143, 145, 149).

Illi kwantu ghall konvenuti H.S.B.C il-Qorti tiddeciedi li dawn m'ghandhomx jehlu spejjez billi huma kellhom raguni li ma jirrilaxjawx il-flus billi kien hemm kontestazzjoni.

Il-kwistjoni ta' l-ispejjez hija bejn l-atturi, il-Kurja u l-Kummissarju ta' l-art.

Kwantu ghall Kurja, l-Qorti tiddeciedi li dawn m'ghandhomx jehlu spejjez billi huma kienu accettaw li jaghmlu ftehim ma' l-atturi purche li huma ma jkollhomx ihallsu spejjez u l-atturi kienu accettaw (ara fol. 112 u 128) billi huma kienu ser jippruvaw jigbru l-flus minghand l-Gvern.

Kwantu ghall Kummissarju ta' l-Artijiet, il-Qorti tiddeciedi ukoll li dana m'ghandux jehel spejjez. L-ewwelnett huwa mexa fuq is-sentenza tal-Land Arbitration Board u ghamel dak li gie ordnat mill-Bord li jaghmel cioe' li jiftah akkont f'isem "sidien incerti". Inoltre xehed id-Direttur ta' l-Artijiet (fol. 143) u spjega ghaliex hu kien hareg in-*notice to treat* f'isem sidien mhux maghrufa (ara l-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu a fol. 143).

Il-Qorti tiddecidi li l-ispejjez ghandhom ibatuhom l-atturi billi huma kienu qed jippretendu li huma biss kienu l-proprjetarji tal-porzjoni art fuq deskritta u bhala tali ghandhom id-dritt li jesigu l-izbank tal-ammont hekk depozitat (ara premessa tac-citazzjoni) u t-talba taghhom kienet li l-Qorti tiddikjara u tiddecidi li l-atturi wahedhom kienu l-proprjetarji tal-art f'Hal-Qormi. Illi mill-provi fil-fatt irrizulta li dan ma kienx hekk u li l-Kurja kellha raguni li toggezzjona li l-atturi wahedhom jizbankaw il-flus depozitati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi
billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu stante ftehim bejn il-partijiet;
Bl-ispejjez kontra l-atturi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------